

Brussell, 19 ta' Settembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0277(COD)

12413/22
ADD 4

AUDIO 86
CODEC 1314
DIGIT 166
MI 668
DISINFO 72
FREMP 183
COMPET 712
EDPS 1
DATAPROTECT 256
JAI 1194
SERVICES 18
POLGEN 121

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 287 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-midja fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Midja)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 287 final.

Mehmuż: SWD(2022) 287 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.9.2022
SWD(2022) 287 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-midja fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar
il-Libertà tal-Midja)

{COM(2022) 457 final} - {SEC(2022) 322 final} - {SWD(2022) 286 final}

SKEDA TAS-SOMMARJU EŻEKUTTIV

Valutazzjoni tal-impatt dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Midja

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

Hekk kif is-swieq tal-midja jsiru aktar diġitali u intrinsikament transfruntieri, diversi problemi jfixklu l-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-media. Dawn huma:

- ostakli għall-attività u l-investment transfruntieri;
- nuqqas ta' kooperazzjoni u konverġenza regolatorja biżżejjed;
- interferenza fil-forniment liberu ta' servizzi tal-midja ta' kwalità; u
- allokkazzjoni mhux ċara u/jew inġusta tar-riżorsi ekonomiċi.

Filwaqt li madwar l-UE, il-gravità tal-problemi tvarja, b'mod ġenerali dawn jaġġmluha diffiċli għall-atturi tal-midja biex jaħtfu l-potenzjal sħiħ tas-suq intern, jibqa' jkollhom sostenibbiltà ekonomika, u jaqdu sew ir-rwol soċjetali tagħhom li jinfurmaw liċ-ċittadini u lin-negozji.

X'jenħtieġ li jinkiseb?

L-objettiv ġenerali hu li jitjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-midja.

L-objettivi speċifiċi tal-inizjattiva huma dawn li ġejjin:

- jittrawmu l-attività u l-investment transfruntieri fis-suq intern tal-midja;
- jiżdedu l-kooperazzjoni regolatorja u l-konverġenza fis-suq intern tal-midja;
- jeħfief il-forniment liberu ta' servizzi tal-midja ta' kwalità fis-suq intern; u
- tkun żgurata allokkazzjoni trasparenti u ġusta tar-riżorsi ekonomiċi fis-suq intern tal-midja.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

L-inizjattiva se tnaqqas il-piż li jerfgħu l-atturi tas-suq biex jikkonformaw ma' reġimi legali nazzjonali differenti meta joperaw f'diversi Stati Membri. Dan iżid il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali, jippromwovi l-kompetizzjoni ġusta (speċjalment fejn jidħlu l-pjattaformi online dinjin), itejjeb l-investment transfruntier, u jtejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-midja pprovduti fl-UE. Intervent fil-livell nazzjonali biss ma jkollux l-iskala u l-effett approssimattiv meħtieġ. Fi kwalunkwe każ, l-inizjattiva mhux se tinterferixxi mal-identitajiet nazzjonali jew mat-tradizzjonijiet regolatorji fil-qasam tal-midja.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma l-alternattivi differenti biex jinkisbu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

Apparti x-xenarju bażi dinamiku¹, ġew ivvalutati fid-dettall tliet alternattivi.

Alternattiva 1: Rakkomandazzjoni dwar il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-midja li tħeġġeġ lill-Istati Membri u, f'ċerti oqsma, lill-kumpaniji fis-suq tal-midja biex jimplementaw sett ta' azzjonijiet li jippromwovu l-pluraliżmu tal-midja, l-indipendenza editorjali u t-trasparenza u l-ġustizzja fis-suq tal-midja.

Alternattiva 2: Proposta leġislattiva u rakkomandazzjoni dwar l-indipendenza tal-midja, l-ewwel waħda tipprovdi regoli komuni għas-suq intern tas-servizzi tal-midja, u l-oħra tħeġġeġ lill-kumpaniji tal-midja u lill-Istati Membri jrawmu l-indipendenza u t-trasparenza tal-midja.

Alternattiva 3: Proposta leġislattiva msaħħa li mal-elementi leġislattivi kollha tal-Alternattiva 2 iżżid obbligi oħra għall-kumpaniji fis-suq tal-midja u għar-regolaturi biex irawmu disponibbiltà ta' servizzi tal-midja ta' kwalità u l-allokkazzjoni trasparenti/ġusta tar-riżorsi ekonomiċi fis-suq tal-midja.

Il-proposti leġislattivi jipprevedu l-formazzjoni ta' bord magħmul minn rappreżentanti tal-

¹ Ix-xenarju bażi hu dinamiku għax iqis il-liġijiet rilevanti eżistenti kollha tal-UE (eż. AMVSD) u dawk li qed jiġu finalizzati (eż. DSA u DMA).

awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, assistiti minn segretarjat ipprovdut mill-Kummissjoni (Subalternattiva A), jew uffiċċju indipendenti tal-UE (Subalternattiva B).

L-għażla ppreferuta rakkomandata għall-adozzjoni politika hi l-Alternattiva 2, is-Subalternattiva A.

X'jidhrilhom il-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?

L-Alternattiva ta' intervent leġiżlattiv, meta mqabbla mal-ebda azzjoni jew mal-istabbiliment ta' standards dettaljati, għandha l-appoġġ tal-pubbliku u ta' ħafna mill-partijiet ikkonċernati l-oħra, inkluż tal-komunità tal-libertà tal-midja, organizzazzjonijiet tal-konsumatur, regolaturi nazzjonali tal-midja, il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (ERGA), xandara pubbliċi u privati, distributuri tal-kontenut, intermedjarji online u atturi tal-ekosistema tar-reklamar. Il-pubblikaturi biss jippreferu rakkomandazzjoni, iżda xorta jappoġġaw il-miżuri dwar il-kejl tal-udjenzi, ir-reklamar mill-istat u l-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi. Rigward il-governanza, hemm appoġġ wiesa' għal struttura ta' sorveljanza bbażata fuq l-ERGA. Ir-regolaturi u l-komunità tal-libertà tal-midja b'mod partikolari jaqblu mat-tishiġ tal-ERGA, filwaqt li l-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju jippreferu li tibqa' kif inhi.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Suq intern tal-midja li jiffunzjona aħjar se jżid l-investment, joħloq tkabbir u kompetizzjoni, u b'hekk itejjeb il-vijabbiltà tal-kumpaniji tal-midja u jagħti aċċess lill-konsumaturi għal firxa aktar diversa ta' kontenut tal-midja ta' kwalità. Il-benefiċċji ekonomiċi netti annwali, mil-lat ta' żieda fl-introjt tal-kumpaniji tal-midja, huma stmati għal EUR 2.9 biljun. Fost il-benefiċċji soċjetali mistennija hemm li jiżiedu l-akkontabbiltà u l-fiduċja fil-midja u li jissaħħu l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u b'hekk jissaħħu l-istat tad-dritt u l-istandards demokratiċi.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-għażla ppreferuta ma tixħet l-ebda kost fuq iċ-ċittadini, u lin-negozji tikkawżalhom biss kostijiet ta' aġġustament negliġibbli, jiġifieri kostijiet ġenerali ta' darba għall-kumpaniji kollha ta' bejn EUR 9,4 u 14-il miljun u kostijiet annwali rikorrenti ta' bejn EUR 5,6 u 14,5-il miljun li lkoll se jiġu assorbiti mill-kostijiet tal-istatus quo. Il-kostijiet annwali għall-awtoritajiet pubbliċi se jkunu EUR 6,1 miljun. Dawn jinkludu madwar EUR 2 sa 2,3 miljun bħala kostijiet annwali għall-UE: 8-10 pożizzjonijiet ekwivalenti għal fulltime u baġit operattiv stmat ta' madwar EUR 1 miljun² għas-soluzzjoni ta' governanza stabbilita fis-Subalternattiva A.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

Il-kostijiet għall-SMEs mistennija jkunu żgħar, l-aktar biex isiru midħla tal-miżuri l-ġodda. Dawn se jitpaċu b'aktar benefiċċji, li mistennija jkunu sinifikanti għax l-għażla ppreferuta tippermetti lill-SMEs joperaw, inkluż bejn il-fruntieri, f'ambjent regolatorju aktar prevedibbli u konsistenti. L-inizjattiva twessa' l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni għall-SMEs ħalli jikkompetu ma' atturi oħra tas-suq, inkluż pjattaformi online. Barra minn hekk, allokazzjoni aktar trasparenti u aktar ġusta tar-reklamar mill-istat tnaqqas id-distorsjonijiet tas-suq, għall-benefiċċju tal-SMEs.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-awtoritajiet nazzjonali se jġarrbu kostijiet amministrattivi u ta' infurzar rikorrenti, iżda se jiffrankaw ukoll: Ir-regolaturi nazzjonali tal-midja jaf jiffrankaw sa 20% tan-nefqa annwali attwali tagħhom relatata mal-koordinazzjoni fl-ERGA. L-għażla ppreferuta mistennija żżid il-kwalità tal-kooperazzjoni fost ir-regolaturi tal-midja u tghinjom jindirizzaw l-isfidi transfruntieri. Barra minn hekk, il-miżuri dwar ir-reklamar mill-istat u s-salvagwardji tal-indipendenza għall-midja tas-servizz pubbliku se jżidu t-trasparenza u l-effettività tal-użu tar-riżorsi tal-istat.

² Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tinkludi ċifri dettaljati dwar l-kostijiet għall-UE.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Żieda fil-forniment ta' kontenut tal-midja ta' kwalità, titjib fit-trasparenza tas-suq, u spazju aktar sikur għall-informazzjoni se jagħtu s-setgħa u jipproteġu aħjar lill-konsumaturi, u se jtejbju l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Barra minn hekk, it-titjib fl-aċċess għal servizzi tal-midja ta' kwalità għall-pubbliku u għan-negozji se jtejjeb l-integrità tas-suq uniku kollu kemm hu.

Proporzjonalità?

Il-miżuri previsti fl-għażla ppreferuta huma ffukati u ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-inizjattiva. B'mod partikolari, l-għażla ppreferuta tipprevedi biss miżuri ta' armonizzazzjoni bilanċjati, u qafas ta' kooperazzjoni għar-regolaturi nazzjonali tal-midja f' bord tal-UE, li huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-midja. Il-proposta tagħraf il-piż fuq l-atturi differenti u tillimita l-obbligi l-ġodda għal dawk essenzjali, b'kostijiet diretti tal-konformità u tal-infurzar proporzjonati mal-oġġettivi tal-inizjattiva.

D. Segwitu**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Wara l-adozzjoni tal-istrument leġiżlattiv, l-Istati Membri se jingħataw bejn 3 u 6 xhur biex jadattaw l-oqfsa nazzjonali tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti. L-ewwel evalwazzjoni tiegħu se ssir wara 4 snin mid-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda, u l-evalwazzjonijiet sussegwenti se jsiru kull 4 snin. Se jiġi stabbilit mekkaniżmu indipendenti li jimmonitorja r-riskji għall-funzjonament tas-suq intern tas-servizzi tal-midja permezz tal-istrument leġiżlattiv. Fil-każ tar-Rakkomandazzjoni, se tiġi prevista wkoll skema speċifika ta' monitoraġġ. B'mod partikolari, l-Istati Membri se jippreżentaw l-informazzjoni rilevanti kollha lill-Kummissjoni dwar il-miżuri u l-azzjonijiet meħuda dwar it-trasparenza tas-sjieda tal-midja. Oqsma oħra tar-Rakkomandazzjoni se jiġu monitorjati bħala parti mill-mekkaniżmu stabbilit bl-istrument leġiżlattiv.